# Beati u Qaddisin....Marzu

## Sant' Angela tas-Salib (María de los Ángeles Guerrero González) 2 ta' Marzu



Maria de los Angeles Guerrero y González, twieldet gewwa Sivilja fit-30 ta' Jannar 1846 minn Francesco Guerrero u Giuseppina Gonzalez, it-tnejn, genituri ta' hajja nisranija soda. Kibret f'dan l-ambjent kattoliku u religjuz u kienet tghin lill-genituri taghha fix-xoghol taghhom manwali. Dawk li kienu jafuha kienu jammiraw fiha l-prudenza u l-hlewwa.

Ta' eta' zghira kellha thalli l-iskola biex tahdem go fabbrika. Kienet issib zmien li titlob u taghmel penitenza. Ta' 25 sena ghamlet weghda privat lill-Mulej li tghix skond il-kunsilli evangelici.

Fl-esperjenza li garrbet fit-talb hija kienet tara kurcifiss vojt qrib dak ta' Gesu' mislub u dak ispirha li tissagrifika ruhha ghal Gesu' ghas-salvazzjoni ta' l-erwieh. Imbbutata minn xewqa ta' sejha li tidhol soru hija xtaqet tidhol mal-Karmelitani, izda d-direttur spiritwali taghha hajjarha biex tifforma parti mill-

Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karita', imma minhabba sahhitha kella tabbanduna din is-sejha.

Irritornata ghand il-familja taghha u tat ruhha biex taghmel opri ta' Karita' mal-foqra.  Segwiet il-parir tad-direttur taghha spiritwali li qalilha biex tikteb djarju spiritwali fejn fih kellha tesponi  bid-dettal il-hajja ta' komunita' religjuza li bl-ispiritwalita' li kienet thaddan hasset li kellha twaqqaf.
Hekk fis-sena 1875 gewwa Sivilja tat bidu ghall-Kongregazzjoni msejha Sorjiet tal-Kumpanija tas-Salib. L-iskop taghhom kellu jkun il-kura tal-morda b'imhabba l-aktar kbira.  Il-motto ta' l-Istituzzjoni kien " Naghmel lili nnifsi fqira mal-fqir biex inwasslu ghal ghand Kristu."

Fis-sena 1904 is-Santa Sede approvat din il-Kongregazzjoni li kibret b'rata mghaggla u halliet impronta fis-socjeta' ta' Sivilja u l-Knisja. Umli u energika, Swor Angela (l-isem li hadet fil-kongregazzjoni)  kienet tnissel spirtu ta' qdusija u dedikazzjoni mimlija kollha mhabba fis-sorijiet taghha hekk li kienu jsejhulha "omm il-fqar." Kienet tahrab kull vanaglorja u thabrek li tikber fil-qdusija billi timmortifika ruhha fis-servizz ta' Alla u ta' hutha s-sorijiet u l-morda.

Fit-2 ta' Marzu tas-sena 1932 mietet fil-belt ta' Sivilja fl-eta ta' 86 sena. Kien il-Papa Beatu Giovanni Pawlu II li fil-5 ta' Novembru 1982 hatarha beata fl-ewwel pellegrinagg tieghu gewwa Spanja u wara 20 sena l-istess Papa ikkanonizzaha gewwa Madrid fl-4 ta' Mejju 2003 waqt li kien fil-hames vjagg appostoliku tieghu fi Spanja.

Il-festa liturgika taghha tahbat fit-2 ta' Marzu, izda l-arcidjocesi  ta' Sivilja tfakkar il-qaddisa fil-5 ta' Novembru, l-anniversarju tal- beatifikazzjoni taghha.